**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 35/14(28_08_14).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 28 t'Awwissu 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier, is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier u s-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-21 t'Awwissu 2014.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.
6. Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 23/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Manutenzjoni tas-Sinjali u *Markings* tat-Toroq u tas-*Sleeping Policemen*'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 24/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Applikazzjonijiet pendenti quddiem l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (Il-MEPA)'.

2.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Gozo Agriculture, Industrial & Cultural Society rigward 'Wirja Biedja u Snajja 2014 – 13, 14 u 15 t'Awwissu', fil-ġonna pubbliċi ta' Villa Rundle, Victoria, Għawdex.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Għaqda Poeti Maltin fejn ingħatat ftit informazzjoni dwar din l-Għaqda u l-attività 'Lejliet ta' Qari ta' Poeżiji'. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex itella' xi lejla bħal din imsemmija jew xi attività letterarja oħra.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-'European Mobility Week', matul is-16 u 22 ta' Settembru 2014.

2.06 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AGL Ċirk 49/2014 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Stedina lill-Kunsilli Lokali għal żewġ wirjiet ta' Heritage Malta'. Dawn il-wirjiet huma dwar il-35 miljun sena ta' 'Storja ta' Malta f'Mitt Oġġett', fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija, il-Belt Valletta mill-1 ta' Settembru 2014 sal-31 ta' Jannar 2015 u dwar l-'Inkwiżizzjoni Rumana f'Malta', fil-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu mit-22 ta' Settembru 2014 sal-10 ta' Jannar 2015.

2.07 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kummissarju għas-Simplifikazzjoni u t-Tnaqqis tal-Burokrazija għall-Konferenza bl-isem 'Effiċjenza fil-Ħidma tal-Gvern', fl-4 ta' Settembru 2014, fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Fondazzjoni Nazareth rigward '12-hours TV marathon' li ser torganizza fuq l-istazzjonijiet tat-televixin bit-tema 'Bis-Saħħa ta' Kulħadd', fis-7 ta' Settembru 2014, mill-11 ta' filgħodu 'l quddiem. Fit-8 ta' Settembru 2014, il-Fondazzjoni Nazareth ser tiċċelebra d-19-il anniversarju mill-bidu tal-ħidma tagħha.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-University of Malta Valletta 2018 Secretariat rigward il-konferenza 'Dialogue in the Med: exploring identity through networks', li l-Fundazzjoni Valletta 2018 ser torganizza fl-4 u fil-5 ta' Settembru 2014, fl-Università ta' Malta.

2.10 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand l-Animal Guardians Malta għall-attività rigward annimali *stray* fil-lokalità, fid-29 t'Awwissu 2014 fil-Borg Cardona Hall, Ta' Qali, Attard.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva kopja ta' *e-mail* li ntbagħtet minn resident ta' Triq ir-Rumani lit-Taqsima tas-CMU rigward il-bankina ta' Triq ir-Rumani. Huwa talab sabiex issa li t-triq inksiet bit-tarmak, isiru l-bankini wkoll.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Taqsima Proprjetà tal-Gvern fejn qed jitolbu pjanti tal-permess tal-ġnien fl-*area* magħrufa 'Tal-Ġebel'. Huma qed jitolbu l-pjanti peress li d-Dipartiment tal-Artijiet kien ħareġ il-permess li jinfetaħ bieb u twieqi li jagħtu għal dan il-ġnien. Il-Kunsill kien ser ikellem lill-Perit Saliba sabiex jiċċekkja s-*survey* li kien sar xi snin ilu.

3.03 Il-Kunsill irċieva lment mingħand sid ta' proprjetà fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi. Huwa qed jilmenta dwar *wires* tad-dawl fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi li minħabba siġra li telgħet minn isfel qed tagħmilhom f'periklu li jinqatgħu u jekk jiġri hekk il-*wires* jispiċċaw fil-gallerija ta' min qed jagħmel dan l-ilment. Hemm il-possibbiltà wkoll li jekk ix-xewka ta' din is-siġra tidħol fil-*wires* tal-kurrent tista' tibda tixxokkja. Dan l-ilment ġie rreferut lill-Enemalta u lill-Pulizija.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur tal-Gozo Youth Wind Band & Orchestra dwar proposta sabiex il-Kunsill jisponsorja kunċert Stage & Proms on the Sea li huwa ppjanat li jsir fl-aħħar ta' Settembru 2014. Dan ser isir fuq *pontoon* kbir fil-Marina tal-Imġarr. Qiegħda tintalab is-somma ta' €500. Il-Kunsill iddeċieda li ma huwiex f'pożizzjoni li jisponsorja din l-attività.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill ta' Ħad-Dingli fejn qed jipproponu li huma jġibu grupp ta' 130 persuna sabiex jaraw il-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi u l-Kunsill ikun jista' jieħu grupp mill-Munxar u nżuru l-*historical/heritage sites* ta' Ħad-Dingli. Iż-żjara tar-residenti ta' Ħad-Dingli f'Għawdex ser tkun fl-10 ta' Settembru 2014. Il-Kunsill qabel dwar din il-proposta.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li kienet qed iżżur Ix-Xlendi u lmentat li meta ppruvat tgħaddi minn quddiem il-ħanut li jbigħ il-pastizzi u pizza fi Triq San Xmun ma setgħatx tgħaddi u kellha tniżżel il-*pushchair* fit-triq peress li l-bankina kienet imblukkata. Iċ-*Chairperson* tax-Xlendi diġà kellem lis-sid sabiex iħalli passaġġ fuq il-bankina.

3.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarju tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju t'Għawdex fejn qed jipproponi li jsiru tliet *lectures* dwar kif jinbnew il-presepji u qed jitolbu l-ħlas ta' €100. Kien hemm qbil dwar dan.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Uffiċċju tal-Outpatients Department tal-isptar ġenerali t'Għawdex. Huma qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jiġi diskuss magħhom dwar il-preparamenti tal-World Diabetes Day. Għaldaqstant qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill sabiex isiru l-arranġamenti neċessarji.

3.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Action Group rigward il-proġett ta' *upgrading* ta' parti mill-Pjazza tal-Knisja tal-Munxar li l-Kunsill se jieħu fondi mill-EU taħt il-Leader. Il-kuntratti dalwaqt se jiġu ffirmati u għaldaqstant qed jissuġġerixxu li jibdew isiru l-preparamenti tat-*tenders* biex kemm jista' jkun toħroġ is-sejħa malajr peress li l-proġett irid ikun lest sa Mejju 2015.

3.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Uffiċjal tas-Segretarjat fil-Ministeru għal Għawdex fejn talab informazzjoni dwar permess rigward *single yellow line* fi Triq l-Għar ta' Karolina. Peress li dan kien mingħajr il-permess ta' Transport Malta dan ġie mneħħi.

3.11 Il-Kunsill ġie assenjat b'żewġ studenti fl-iskema Work Trial Scheme for Youths li oriġinarjament kellhom idumu 8 ġimgħat imma ġew assenjati 4 ġimgħat. Dawn l-istudenti ġew utilizzati billi jiftħu l-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi għat-turisti u nies tal-lokal. Il-Kunsill talab jekk huwiex possibbli li dawn l-istudenti jiġu assenjati 4 ġimgħat oħra jiġifieri sat-12 ta' Settembru 2014. L-ETC irrifjutat it-talba tal-Kunsill minħabba li l-iskema kienet *over-subscribed* u l-*budget* kien limitat.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 35/14(28_08_14).

**5.00 Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.**

5.01 Il-Kunsill bħalissa kien qed jipprepara sabiex jippubblika offerti li se jkunu ffinanzjati mill-EU u mill-UIF. Bħalissa l-Kunsill qed jitlob l-approvazzjoni mingħand il-Green Public Procurement.

L-offerti ser ikunu dawn:

*Tenders* iffinanzjati mill-EU Funds:

- Tender No.: MXR/001/2014 - Works Tender for the construction of a walkway leading to the restored underground flour mill located at Ix-Xlendi, Gozo.
- Tender No.: MXR/002/2014 - Supply of Furniture for an underground flour mill located at Ix-Xlendi, Gozo.
- Tender No.: MXR/003/2014 - Tender for the Supply and Installation of Mechanical and Electrical Services.
- Tender No.: MXR/004/2014 - Tender for the production, design and printing of a booklet, leaflet and map.
- Tender No.: MXR/005/2014 - Supply, Installation and Commissioning of a Ticketing System for an underground flour mill located at Ix-Xlendi, Gozo.

*Tenders* iffinanzjati mill-Urban Improvement Fund (UIF):

- Tender No.: MXR/006/2014 - Works Tender for the upgrading and rehabilitation of a path at Ix-Xlendi Bay.
- Tender No.: MXR/007/2014 - Tender for the supply, delivery and installation of luminaries to fit existing lamp posts along the promenade in Ix-Xlendi and also a number of wall mounted luminaires to be installed in Triq l-Għar ta' Karolina.
- Tender No.: MXR/008/2014 - Tender for the supply, installation, testing and commissioning of decorative luminaires for Triq ir-Rabat at Ix-Xlendi.
- Tender No.: MXR/009/2014 - Supply of Planters and Benches at Ix-Xlendi.

**6.00 Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.**

6.01 Il-Kunsill għamel it-talba lill-Eco-Gozo peress li l-Perit ħareġ kont tax-xogħlijiet, liema xogħlijiet ma jinkludux il-balavostri taz-zuntier peress li dawn għadhom mhumiex lesti.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

7.01 Ħaddiema tal-Public Cleansing Section kienu qatgħu l-qasab tal-Wied tax-Xlendi peress li l-kantuniera kienet perikoluża għat-traffiku.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew il-laqgħa mal-Paying Office f'Malta minħabba li kien hemm xi *queries* dwar it-*tenders* li kienu ħarġu mill-Kunsill.

8.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-attività annwali li ssir mill-MTA din is-sena ser issir il-Ġimgħa, 26 ta' Settembru 2014 fix-Xlendi.

8.03 Is-Sindku kien attenda għal-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Justyne Caruana dwar id-dimenzja sabiex jinħoloq *awareness* dwar din il-marda.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Fil-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ġie deċiż li jsir ġemellaġġ ma' lokalità min-naħa ta' fuq tal-Italja. Ġie deċiż ukoll li l-Kumitat japplika għall-fondi sabiex issir attività minn gruppi lokali fl-20 ta' Diċembru 2014. L-ispejjeż ser ikunu koperti minn dan il-fond iżda l-kiri ta' tinda li tammonta għal madwar €3,000 trid titħallas mill-Kumitat. Il-Kumitat iddeċieda li jitlob *sponsors* sabiex ikopru din is-somma.

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Is-Sur Robert Mallia lmenta dwar in-nuqqas ta' knis ta' toroq fil-Munxar. Is-Sindku infurmah li l-Kunsill ilmenta diversi drabi mal-*foreman* tal-kennies peress li mhuwiex idur it-toroq kollha.

Is-Sur Robert Mallia informa lill-Kunsill li rċieva lment li l-*internet* tal-Kunsill mhuwiex ikun qawwi biżżejjed sabiex ikun jista' jintuża. Huwa ġie infurmat li s-saħħa tiddependi minn kemm ikun qed jużaw persuni u peress li qed ikun hemm ħafna domanda għal dan l-*internet*, il-Gvern kien qed jippjana li jkabbar il-*bandwidth* tal-Kunsilli kollha.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie avviċinat minn sid l-istabbiliment Cool Bar ta' Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi dwar il-kundizzjonijiet għal tined li ġew stabbiliti mill-Kumitat u l-Kunsill fejn ġie deċiż li mhuwiex aċċettabbli li l-passaġġ għall-pubbliku jkun imsaqqaf b'tinda. Issa peress li fejn qed japplika sid il-Cool Bar diġà hemm tinda fuq il-passaġġ huwa qed jissuġġerixxi li jintrabat li jagħmel *bollards* biex żgur ma jkunx jista' jagħlaq il-passaġġ. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 29 ta' Settembru 2014, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***